**Kunsill Lokali L-Imġarr**

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

# Seduta numru 19 tas-7 Leġislatura
# Illum l-Erbgħa 27 ta' Awwissu 2014

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 19 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar l-Erbgħa 27 ta' Awwissu2014, fl-Uffiċċju Amministrattiv, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Ftuħ ta' Tenders
5. Update dwar it-tenders tal-Bandli ta' Wesghat il-Gublew
6. Bankina Triq iz-Zebbiegh u meeting ma' Transport Malta
7. Affarijiet Mixxelanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Mario Sammut, il-Kunsillier Elizabeth Ebejer, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-Kunsillier Clayton Gauci u l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ, Elaine Vella kienet skuzata.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, Paul Vella.

## 1 Minuti

*Punti mill-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

## 2 Korrispondenza

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***


2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Paul Vella informa li kien talab żewġ stimi biex titnaddaf l-arja tal-parkeġġ ħdejn il-bajja ta' Għajn Tuffieħa (Riviera).

3.2 Paul Vella informa li il-Kunsill kien ġie avviċinat sabiex issir attivita' informattiva fil-bajja ta' Għajn Tuffieħa (ir-Riviera) in konnessjoni mal-proġett 'Life Migrate'.

**4. Ftuħ ta' Tenders**

4.1 Is-Segretarju, akkumpanjat mis-Sindku u d-Deputat Sindku, fetħu il-kaxxa tal-offerti.

4.2 Dwar MGR 2014/06 : Akkwist ta' Vann Second-Hand : il-Kunsill innota offerta waħda : dik ta' Pauline Grima f' isem il-Ventur Motor Centre. Din l-offerta kienet ta' vann Mercedes Benz, mudell Vito, b' magna Euro 4 Diesel tal-2010. Il-prezz offert hu ta' €11,500 flimkien ma' €3,500 f' liċenzji neċċessarji. Il-Kunsill innota l-offerta u membri tal-Kunsill kellhom imorru jaraw dan il-vann.

4.3 Dwar MGR 2014/05 : Forniment u Twassil fuq il-post ta' Konkos għall-proġett taħt il-Miżura 125 tal-Programm tal-Iżvillupp Rurali għal Malta: Il-Kunsill innota żewġ offerti : dik ta' Bonniċi Brothers li tammonta għall-€15,331.21 u dik ta' Denfar Bros. li tammonta għall-€13,131.81. Il-Kunsill evalwa il-proposti li wara skutinju, qabel unanimament li tintlaqa l-offerta ta' Denfar Bros peress li kienet l-aktar waħda vantaġġjuża.

**5. Update dwar it-tenders tal-Bandli ta' Wesghat il-Gublew**

5.1 Is-sindku informa lill-Kunsill bl-aħħar żvilluppi li kien hemm dwar il-proġett.

5.2 Is-sindku u is-Segretarju Eżekuttiv kien iltaqgħu ma' Matthew Spiteri, rappreżentant tal-kumpanija Alhag Ltd wara li din il-kumpanija kienet ġiet

innominata mill-Kunsill bħala l-aktar waħda qrib dak li xtaq il-Kunsill u l-aktar waħda viċin tal-ispeċifikazzjonijiet imniżżlin fit-dokumentazzjoni tas-sejħa.

5.3 Il-Kunsill ra u evalwa l-informazzjoni kollha miġbura u pprovduta mill-Alhag Ltd u qabel unanimament li dan il-proġett iseħħ fuq l-offerta ta' Alhag Ltd.

5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv għalhekk kien ser jibgħat jinforma lill-offerenti kollha bid-deċiżjoni.

5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv kien ser jinforma lill-Perit tal-Kunsill sabiex iddaħħal l-applikazzjoni għall-U.I.F.

## 6. Bankina Triq iz-Zebbiegh u laqgħa ma' Transport Malta

6.1 Il-Kunsill innota li wara il-laqgħa li kellu mal-uffiċċjali ta' Transport Malti u wara it-talba li huwa għadda lill-istess uffiċċjali biex ix-xogħol ta' installazzjoni ta' bankina fi' Triq iż-Żebbiegħ jieqaf, ix-xogħol ma' twaqqafx, iżda il-bankina tbaxxiet min fejn kien wasal ix-xogħol sat-tarf tagħha lejn ir-roundabout li jgħati lejn Binġemma.

6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv, wara li ġabar ir-rezzjonijiet tal-Kunsilliera, oġġezzjona għall-dan l-aktar minħabba li din il-bankina naqqset is-sigurta' kemm tas-sewwieqa kif ukoll tal-pedonali.

6.3 Għalhekk ukoll intalbet laqgħa ma' l-uffiċċjali ta' Transport Malta. Għal din il-laqgħa attendew is-Sindku u is-Segretarju Eżekuttiv mad-Direttur Audrey Testaferrata de Noto u il-Perit Suzanne Bonello. Ġie mifthiem li l-Kunsill setgħa' jikkontempla li jbaxxi l-ewwel parti tal-bankina sabiex ittaffi parti mill-problemi. Il-Kunsill kellu jikkonsidra wkoll li jitlob li l-bankina titkompla u tispiċċa għax-xejn fid-direzzjoni lejn ir-roundabout ta' Binġemma.

## 7. Affarijiet Mixxelanji

7.1 Is-Sindku ippropona li ssir laqgħa mal-Inġinier Stephen Galea St. John dwar ix-xogħlijiet li ser isiru fuq is-sistema ta' pajp tal-ilma taħt l-art biex tinġabar aktar informazzjoni.

7.2 Eman Vella informa li fis-26 ta' Settembru kienet ser tittella' l-attivita' ta' għanan f' Darrenzi.

7.3 Elizabeth Ebejer ħeġġet lill-Kunsill sabiex iħajjar parteċipazzjoni għall-programmi ta' Tagħlim matul il-ħajja (Life-Long Learning).

**Kunsill Lokali L-Imġarr**

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fil-5:35pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn, 20 ta' Ottubru 2014.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku